6 ta' Mejju, 1947.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Carmelo Cutajar *versus* Salvatore Camilleri (*).

**Arrest Personali — Kummerċjant — Kompetenza — Art. 359 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u art. 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Biex wieħed ikun kummerċjant il-liġi trid li huwa jagħmel, bi professjoni, u b'ismu, atti ta' kummerċ. U mhux biżżejjed, biex jistabbilixxi definitivament il-kwalità ta' kummerċjant, il-fatt li wieħed jassumi dik il-kwalifika fl-attijiet u l-kuntrattazzjonijiet li huwa jagħmel.*

*Għaldaqstant min jikkuntratta deju bil-kwalifika ta' kummerċjant,*

*meta fil-fatt ma jkunx, ma huwa suġġett għall-arrest personali għal dolo u frode bħala kummerċjant.*

*Huwa veru li d-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla dak l-arrest ma tirrikjedix il-kwalità kummerċjali, la fid-debitur u lanqas fid-dejn; imma meta tonqos il-kwalità kummerċjali, mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tad-domanda għall-arrest personali l-Qorti tal-Kummerċ.*

L-attur fit-taħrika qal illi l-konvenut, li huwa kummerċjant, taħt pretesti, invenzjoni, makkinazzjoni u sotterfuġi inducenti dolo u frode, ikkonvinċa lill-attur li jagħti lill-konvenut in bwona fede flus b'self għal skop ta' kummerċ; u li in segwitu l-konvenut, wara ħafna promessi foloz u pretiżi foloz u kawteli li jassikura r-restituzzjoni ta' l-imsemmija flus lill-attur, ġiegħel lill-istess attur jaddivjeni għall-kuntratt magħmul għand in-Nutar *Mario* Bonello fil-11 ta' Frar 1946 (dok. A), fejn l-istess konvenut ikkostitwixxa ruħu debitur lejn l-attur fis-somma ta' £241. 12. 0, bilanċ ta' somma akbar, ammont lilu misluf għal skop ta' kummerċ, li obliga ruħu li jħallas fi żmien tliet xhur mill-jum tal-kuntratt; u li l-konvenut, non ostanti li ġie interpellat b'ittra uffiċjali tat-22 ta' Ġunju 1946 (dok. B), li rrendiet eżegwibili dak il-kuntratt, ma ħallasx; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, ikun kundannat għall-arrest personali għal perijodu mhux anqas minn tmintax-il xahar u mhux aktar minn tliet snin, jew għal kwalunkwe perijodu ieħor skond il-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ġunju 1946;

*Omissis*:

Irriżulta li l-konvenut issellef minn għand l-attur diversi somom ta' flus, ammontanti komplessivament għal £320; u fit-3 ta' Diċembru 1943, peress li ma kienx raddhom, ikkostitwixxa ruħu debitur ta' l-attur f'din is-somma, wiegħed li jħallasha fi żmien sena, u obliga ruħu jikkorrispondi l-imgħax tas-sitta fil-mija. Wara żmien il-konvenut ħallas akkont u kien fadallu jagħti £241. 12. 0; u għalhekk, b'att publiku tal-11 ta' Frar 1946, reġa' ikkostitwixxa ruħu debi-

(*) Konfermata fl-Appell Kummerċjali, 30. 6. 1947.

tur f'dik is-somma, bl-obbligu ta' l-imgħax tas-6 fil-mija u tar-restituzzjoni fi żmien tliet xhur. Il-konvenut ma ħallasx; u l-attur, b'ittra uffiċjali tat-22 ta' Ġunju 1946, irrenda eżegwibili l-kuntratt; u l-lum qiegħed jitlob l-arrest tal-konvenut. F'dak il-kuntratt il-konvenut iddikjara li kien fil-kummerċ; u dana jfisser li ikkwalifika ruħu bħala kummerċjant; u fix-xhieda tiegħu huwa qal li fil-kuntratt ikkwalifika ruħu bħala negozjant, għax dak iż-żmien huwa kien (fol. 25);

Il-Qorti tosserva li l-kwalifika ta' kummerċjant li wieħed jassumi f'atti jew kontrattazzjonijiet tikkostitwixxi preżunzjoni semplici ta' dik il-kwalità ta' kummerċjant, iżda mhix biżżejjed biex tistabbilixxi definitivament il-kwalità ta' kummerċjant. Għax biex wieħed ikun kummerċjant, il-liġi trid li bi professjoni jagħmel f'ismu atti tal-kummerċ (art. 4 Kodiċi tal-Kummerċ — ara f'das-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 1920 in re "Carrana vs. Mifsud et.", Kollez. Vol. XXIV — III — 795). Igħid il-Vivante:— "La volontà di esercitare il commercio non può fare le veci del suo esercizio effettivo. Quindi non basta intitolarsi commerciante in atti publici o privati, farsi credere tale sia pure con artifici dolosi, o farsi autorizzare all'esercizio del commercio, per divenir tale. Chiunque vi abbia interesse, per ésempio il marito della donna che assunse la qualità d' commerciante, i creditori ipotecari e privilegiati del preteso commerciante, ed egli stesso, quantunque insorga contro i suoi atti, può provare l'effettivo suo stato, perchè a tutela dell'ordine pubblico le dichiarazioni di fallimento, le regole sulla capacità della persone, le regole di competenza e di procedura, l'applicazione delle pene, non possono dipendere dalla volontà dei privati. Si deve notare però che il falso commerciante dovrà distruggere la presunzione che deriva dal suo modo di agire e rifarne il danno ai terzi ingannati" (Volume I, numero 101, 5ta. edizione). Għalhekk il-Qorti għandha tara qabel xejn min għandha quddiemha;

Skond l-art. 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, "kummerċjanti huma dawk li, bi professjoni, jagħmlu f'isimhom attijiet tal-kummerċ, kif ukoll is-soċjetajiet kummerċjali". Fil-fatti, mill-kumpress tal-provi rriżulta li dik il-ħabta li l-konvenut għamel id-dejn ma' l-attur ma kienx jinnegozja f'xejn, alme-

nu bi professjoni. Qabel kien jagħmel attijiet tal-kummerċ bil-ħanut ta' missieru, iżda mhux f'ismu, imma f'isem u ak-kont ta' missieru. Lanqas kien għadu kiseb l-azzjonijiet tat-Teatru Gaiety, biex b'hekk komproprjetarju ta' azjenda jkun jista' jikkwalifika ruħu kummerċjant f'impriża ta' spettakoli publiċi. Għalkemm bi skuża hu li ssellef il-flus minn għand l-attur, il-konvenut qallu li kellu negozju ma' xi ameriċani ("business"), bil-fatti ma kellu xejn; u l-flus issellifhom sabiex jonfoqhom u jħallas djun oħrajn li kien għamel mhux għal xi negozju, iżda biex ikollu x jonfoq. Huwa veru li l-konvenut kien irid jaqbad, u donnu għadu jrid jaqbad, xi negozju onest u serju; iżda l-volontà biss ma tagħmilux kummerċjant;

Minn dana li ntqal jidher ċar li, qal x'qal il-konvenut lill-attur, fil-fatti l-konvenut, meta ssellef il-flus, la kien kummerċjant u lanqas issellef il-flus għall-kummerċ. L-att publiku ta' kostituzzjoni ta' dejn ma ġiebx novazzjoni. Veramen għall-arrest minħabba ħtija ta' għemil doluż jew ta' frode fid-dejn l-artikolu 359 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma jirrikjedix il-kwalità kummerċjali, la fid-debitur u lanqas fid-dejn; iżda meta tonqos dik il-kwalità tonqos il-kompetenza ta' din il-Qorti, u l-kawża ssir ta' kompetenza ċivili;

Għal dawna r-raġunijiet il-Qorti tiddikjara ruħha inkompetenti "ratione materiae", bl-ispejjeż mingħajr taxxa, u bid-dritt tar-reġistru kontra l-konvenut, minħabba li kien hu li żvija lill-attur bil-mod kif ikkwalifika ruħu.

---